MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Numru 62/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Jolene Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jolene Camilleri ta’ 20 sena, bint Carmelo Camilleri u Theresa nee` Agius, imwielda il-Pieta` fit-30 t’ Ottubru 1986, detentrici ta’ karta tal-identita` Maltija bin-numru 543786M u residenti fil-fond 9/1, Triq il-Merkanti, Valletta giet akkuzata talli:

1. Fid-9 ta’ Ottubru 2006, f’xi hin bejn l-erbgha ta’ wara nofsinhar u s-sebgha u nofs ta’ filghaxija fil-Belt Valletta

ikkommettiet serq t'oggetti u cioe` top-up vouchers u sim cards tal-Go Mobile minn vettura tat-tip Tata Indica bin-numru tar-registrazzjoin CBG 963, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa;

2. u aktar talli fid-9 t' Ottubru 2006 u fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex tbieghhom jew tmexxihom, liema hwejjeg u cioe` top-up vouchers u sim cards gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda serq u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u hu konsapevoli li l-imputata qeghda taghmel progess sabiex tnehhi l-vizzju tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Rat l-artikoli 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Jolene Camilleri fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u hu konsapevoli li l-imputata qeghda taghmel progress sabiex tnehhi l-vizzju tad-droga u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Jolene Camilleri ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputata Jolene Camilleri tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata, li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007 rigward l-imsemmija tieni akkuza u cioe` li din l-akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda serq u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmi tieni akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputata stante li din l-akkuza hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda serq.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Jolene Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------